# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Gunju, 2001**

**Numru 12**

**Cit. Nru. 900/2000 GCD**

**Joseph u Maria konjugi Farrugia**

**Vs**

**Raymond u Sonja konjugi Psaila u Pickless Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi, wara li qalu:

Illi l-konvenuti Raymond u Sonja konjugi Psaila huma debituri tal-atturi ghas-somma ta' Lm4,130 erbat elef mija u tletin lira Maltin, oltre ghall-imghax legali kalkolabbli mis-27 ta' Frar 1999, ai termini ta' Dokument "A" (anness mac-citazzjoni), rapprezentanti bilanc minn somma akbar li giet mislufa mill-atturi lill-konvenuti;

Illi ai termini tal-iskrittura tal-5 ta’ Frar 1999, is-socjeta` konvenuta Pickless Limited dahlet garanti ghall-konvenuti konjugi Psaila favur l-atturi ghall-pagament tas-somma ta’ Lm4,000 u infatti l-istess socjeta` konvenuta harget cheque pagabbli lill-attur ghas-somma ta’ Lm2,000 u obbligat ruhha illi f’kaz illi l-konjugi Psaila ma jhallsux il-bilanc tas-somma, allura s-socjeta` konvenuta kellha thallas hi s-somma bilancjali lill-atturi entro tliet xhur mill-1 ta’ Marzu 1999;

Illi meta l-atturi ppruvaw isarrfu l-ewwel cheque ta’ Lm2,000 mahrug mis-socjeta` konvenuta, dan ma setax jissarraf peress illi gie ritornat lura mill-bank bil-kliem “payment countermanded”;

Illi nonostante li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet, li biha l-atturi interpellaw lill-konvenuti sabiex jonoraw l-obbligazzjonijiet minnhom assunti u sabiex ihallsu, nonostante diversi promessi, dawn pero` baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni ta’ l-atturi l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu u ghalhekk il-kawza tista’ tigi deciza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Talbu illi din il-Qorti:

1. taqta’ u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza; u

2. tiddikjara illi l-konvenuti Raymond u Sonja konjugi Psaila huma debituri tal-atturi ghas-somma ta' Lm4,130 erbat elef mija u tletin lira Maltin;

3. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta Pickless Limited bhala garanti solidali mal-konjugi Psaila favur l-atturi ghas-somma ta' Lm4,000 erbat elef lira Maltin; u

4. tikkundanna lill-konvenuti Raymond u Sonja konjugi Psaila jhallsu s-somma ta' Lm4,130 u lis-socjeta` konvenuta Pickless Limited bhala garanti solidali sal-ammont minnha assunt, lill-atturi – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mis-27 ta' Frar 1999 u bl-ispejjez, inkludi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni, dawk tal-ittri legali tal-4 ta' Awissu 1999, tal-1 ta' Settembru 1999, tal-20 ta' Ottubru 1999, tat-3 ta' Novembru 1999 u tal-25 ta' Frar 2000 u dawk ta' Lm10 ghall-konsult kontra l-konvenuti.

Rat ukoll l-affidavit mahluf minn Joseph Farrugia u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuta Sonja Psaila baqghet ma dehritx, il-konvenut Raymond Psaila ammetta t-talba u l-konvenuta Pickless

Ltd. inghatat fakolta` li tikkontesta l-kawza li kontrieha sejra tkompli miexja bil-procedura normali.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuta Sonja Psaila u fl-ammissjoni tal-konvenut Raymond Psaila tilqa' t-talbiet maghmula kontra dawn il-konvenuti fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

Cm